MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 26/2019 LM

**Ayman Khalaf (K.I. nru. 499095(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Mazen Dadouch (K.I. nru. 108993(M))**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Dadouch Mazen (K.I. nru. 108993(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tar-rikorrent **Ayman Khalaf (K.I. nru. 499095(M))** [minn

issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tiegħu, billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tiegħu u laqgħet it-talba tar-rikorrent, billi kkundannatu iħallas lill-imsemmi rikorrent is-somma ta' disat elef u seba' mitt Euro (€9,700), bl-imgħax mid-data tal-ittra ġudizzjarja 120/2019, jiġifieri mis-17 ta' Jannar, 2019.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas ta' debitu fis-somma ta' disat elef u seba' mitt Euro (€9,700) vantata mill-appellat fil-konfront tal-appellant. Mhux kontestat il-fatt li d-debitu bilanċjali huwa dovut fuq it-trasferiment ta' garaxx mill-appellat lil ċertu Thomas Azzopardi, li kien eżegwixxa xogħlijiet ta' kostruzzjoni fir-residenza tal-appellant fuq inkarigu tal-istess appellant, u dan skont ftehim bejn il-partijet li l-appellat jikkontendi huwa rifless f'Dok. X *a fol.* 2 tal-atti quddiem l-ewwel Qorti. Il-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda l-modalità tal-ħlas, għaliex l-appellat qed jinsisti li hija l-iskrittura *a fol.* 14 magħmula fid-29 ta' April, 2015 bejn il-partijiet li tirrifletti meta d-debitu kellu jitħallas lura lill-appellat, jiġifieri sal-aħħar tas-sena 2020, minflok kif kien qed jinsisti l-appellat sal-aħħar tas-sena 2018 skont l-ewwel skrittura esebita mill-istess appellat mar-rikors promotur tiegħu, u għalhekk anki minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet fuq dak dovut.

**Mertu**

3. L-appellat istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fit-12 ta' Frar, 2019 fejn ħarrek lill-appellant sabiex jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex:

*"...tħallas lill-attur l-ammont ta' disat elf u seba' mitt ewro (9700 Ewro) bilanċ minn somma akbar naxxenti minn skrittura datata 12 ta' Ġunju 2017 (Dok. X) fejn l-intimat kien ikkostitwixxa ruħhu bħala ċert likwidu u dovut debitur a favur tal-attur fl-ammont ta' tmintax-il elf ewro minn liema ammont l-intimat ħallas pagament ta' sitt elef ewro u pagament ieħor ta' tlett elef ewro u għalhekk fadal bilanċ ta' disat elef u seba' mitt ewro;*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali (166A) 120/2019 u dawk tal-mandat kawtelatorju 92/2019 u bl-ogħla imgħax mill-1 ta' Jannar 2019 sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni."*

4. L-appellat eċċepixxa li (a) it-talba kienet intempestiva stante li l-bilanċ kellu jitħallas sal-31 ta' Diċembru, 2020 mingħajr imgħax; u (b) l-allegata skrittura esebita kienet nulla u bla effett; u dan salv eċċezzjonijiet oħra.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidrat;*

*Illi l-vertenza hija waħda pjuttost sempliċi. Il-konvenut ma jikkontestax illi l-attur avvanzalu l-fondi biex ikun jista' jħallas parti mill-prezz dovut lill-bennej minnu inkarigat, permezz tat-trasferiment ta' garaxx lil dan l-istess bennej u lanqas jikkontesta li l-bilanċ minnu dovut huwa fis-somma mitluba fir-Rikors promotur, ċioé s-somma ta' €9,700. Jikkontendi biss illi l-obbligu ta' ripagament huwa regolat mill-iskrittura li ġiet iffirmata minnu quddiem in-Nutar Patrick Critien fid-29 ta' April 2015, fejn l-attur aċċetta li l-ħlas tad-debitu jsir sa mhux iktar tard mill-aħħar tas-sena 2020, fost kundizzjonijiet oħrajn, u mhux mill-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017. Għalkemm il-konvenut jeċċepixxi n-nullità tal-iskrittura li fuqha l-attur isejjes il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tal-ammont bilanċjali, huwa baqa' ma fissirx il-bażi li fuqha jsejjes din in-nullità u ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni għajr għall-prova li huwa miżżewweġ, liema prova nġiebet fil-forma ta' estratt mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Dadouch v. Malta u kopja taċ-ċertifikat taż-żwieg tiegħu, iċċelebrat fit-30 ta' Lulju*

*2003 ġewwa Moska, ir-Russja. Iżda l-Qorti qalja fehmet il-bażi tan-nullità eċċepita mill-konvenut fl-isfond tal-fatt li huwa miżżewweġ u li kien diġà miżżewweġ meta ġie kkuntrattat is-self u l-obbligu tar-ripagament. Kemm hu hekk, il-konvenut baqa' ma għamel l-ebda aċċenn għal din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. F'kull każ, il-Qorti ma tarax kif il-fatt taż-żwieg tal-konvenut jista' jsostni t-teżi tiegħu tan-nullità: huwa minnu li skont il-liġi Maltija hemm preżunzjoni tal-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn żewġ persuni miżżewġin Malta, iżda ġaladarba l-konvenut evidentement iżżewweġ ir-Russja kien jispetta lilu juri li l-preżunzjoni stabbilita mill-Artikolu 1316(2) tal-Kodici Civili issib applikazzjoni fil-każ tiegħu. Iżda l-konvenut ma ressaq l-ebda prova fir-rigward.*

*F'kull każ għandu jiġi osservat illi l-fatt illi l-konvenut ikkuntratta dejn mingħajr l-adeżjoni ta' martu, anke jekk kien hemm eżistenti bejniethom ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, ma jfissrix li l-obbligazzjoni jew l-iskrittura tad-dejn hija nulla. L-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenut u martu jfisser, neċessarjament, illi atti tal-amministrazzjoni ordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti, anke jekk magħmulin minn wieħed biss mill-konjuġi mingħajr il-parteċipazzjoni tal-konjuġi l-ieħor, jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti. Imbagħad, kwantu għal atti ta' amministrazzjoni straordinarja, jekk dawn ikunu magħmulin minn konjuġi wieħed biss mingħajr il-parteċipazzjoni jew kunsens tal-parti l-oħra, dawn ukoll jibqgħu jorbtu lill-komunjoni purché l-att ma jkunx ġie annullat mill-parti li ma tkunx daħlet għall-obbligazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili. Fil-każ in diżamina mkien ma ġie allegat, wisq inqas ippruvat, illi l-kuntratt ta' self konkluż bejn il-partjiet, jew il-ftehim wieħed jew l-ieħor konklużi bejn il-partijiet fejn qablu dwar it-termini tar-ripagament, kienu ġew hekk annullati.*

*B'żieda mal-premess, għandu jingħad ukoll li l-konvenut baqa' ma fissirx liema disposizzjoni tal-liġi qiegħed jinvoka in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu tan-nullità u għalhekk il-Qorti ma tħossx li hija għandha toqgħod tindaga u tistħarreġ biex tistabbilixxi hija stess ix-xorta tan-nullità invokata mill-konvenut, ċioé jekk din in-nullità hijiex naxxenti minn vizzju tal-kunsens taħt l-Artikoli 974 et sequitur jew nullità xort'oħra.*

*Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll illi l-firma tan-Nutar Critien fuq l-iskrittura invokata mill-attur, m'hijiex rekwizit* ad validitatem. *Il-Qorti tqis li kuntratt jorbot lill-partijiet f'kull każ li jiġi ppruvat li dawn esprimew il-qbil tagħhom għall-kontenut tal-kuntratt permezz tal-firma tagħhom fuq id-dokument kontenenti l-korp tal-ftehim jew permezz ta' xhieda jew provi oħrajn li jevidenzjaw dan il-qbil u li l-att huwa konformi fil-formalitajiet essenzjali tiegħu mal-ħtiġijiet tal-liġi.*

*Il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi hija sodisfatta illi ż-żewġ skritturi esebiti fl-atti huma skritturi privati ffirmati miż-żewġ partijiet u jimmanifestaw il-volontà tagħhom għaliex il-provi jistabbilixxu li entrambi l-partijiet aċċettaw li jiffirmaw u effettivament esprimew l-adeżjoni tagħhom għad-dikjarazzjonijiet li saru fiż-żewġ skritturi. Filwaqt li fil-każ tal-oriġinal tal-iskrittura tad-29 ta' April 2015, l-adeżjoni tal-partijiet hija manifestata mill-firma tan-Nutar Dr. Patrick Critien li afferma l-identità tal-partijiet li ffirmaw id-dikjarazzjoni (fn. 8 Il-Qorti tosserva li mart il-konvenut, għalkemm skont il-konvenut din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata wkoll minnha, ma xehditx biex tikkonferma l-firma tagħha iżda fil-fehma tal-Qorti dan in-nuqqas, fiċ-ċirkostanzi, ftit huwa rilevanti) - u b'żieda ma' dan jiġi osservat li l-attur imkien ma kkontesta l-eżistenza jew validità tal-iskrittura jew b'xi mod ċaħad li l-firma fuq dik l-iskrittura hija l-firma tiegħu - fil-każ tal-kopja awtentikata tal-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017 esebita mill-attur in sostenn tat-talba tiegħu għall-ħlas reklamat fir-Rikors promotur,* ***il-konvenut fix-xhieda tiegħu ikkonferma li l-firma li tidher fuq il-kopja tal-iskrittura esebita in atti, hija tiegħu.*** *Fix-xhieda tiegħu huwa jsostni li din kienet waħda minn tliet skritturi konklużi bejn il-partijiet b'rabta mar-ripagament tas-self iżda mkien, ħlief mir-Risposta tiegħu, ma jirriżulta li huwa ċaħad il-validità tal-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017 u ma ressaq l-ebda prova li din kienet sorvolata minn xi ftehim ieħor sussegwenti.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut sostna li jispetta lill-attur jipprova li hija l-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017 li torbot il-partijiet minflok l-oriġinal tal-iskrittura ffirmata fid-29 ta' April 2015 u attestata min-Nutar Dr. Patrick Critien.*

*Iżda l-Qorti wara li fliet il-provi u x-xhieda, tqis li fl-aħħar mill-aħħar, ħadd miż-żewġ partijiet ma ċaħad waħda jew l-oħra taż-żewġ skritturi esebiti fl-atti, u kwantu speċifikatament għall-kopja legali tal-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017, tqis li jinsab ippruvat abbundantement li din ġiet iffirmata mill-konvenut u sussegwentement mill-attur fil-presenza ta' ħu l-attur Yaman Khalaf b'aċċettazzjoni pjena tat-termini u kundizzjonijiet fiha stipolati.*

*Il-fatt illi skrittura waħda hija esebita fl-oriġinal filwaqt li l-oħra hija esebita biss vera kopja tagħha awtentikata mill-avukat tal-attur, ma jbiddel xejn mill-fehma tal-Qorti illi ta' entrambi l-iskritturi tressqet prova tajba skont il-liġi u l-Qorti hi sodisfatta li fiż-żewġ skritturi hi manifestata l-volontà tal-partijiet fiż-żmien li ġew hekk konklużi.*

*Mix-xhieda tal-partijiet infushom jirriżulta illi kien hemm nuqqas ta' qbil mhux dwar l-obbligu tar-ripagament innifsu iżda dwar it-termini tar-ripagament u għalhekk il-Qorti tifhem illi meta huma aċċettaw li jinbidlu, matul is-snin, il-kundizzjonijiet tal-obbligazzjoni tar-ripagament, il-ħsieb tagħhom kien li ssir bidla tar-rapport ġuridiku*

*fis-sens li dak ir-rapport ġuridiku, għad illi baqa' immutat fl-identità tiegħu, jiġi regolat minn kundizzjonijiet differenti. Il-partijiet jaqblu illi matul iż-żmien huma ffirmaw iktar minn ftehim wieħed li jirregola l-obbligazzjoni tar-ripagament tas-self, b'wieħed minnhom jiġi skartat ("qattajniha") meta darba minnhom huma kienu ltaqgħu fl-istabbiliment Macdonalds biex jiddiskutu l-kwistjoni tar-ripagament. Il-Qorti fehmet li filwaqt li l-konvenut ippretenda li r-ripagament isir kif u meta jrid hu fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu u mingħajr limitu ta' żmien jew mhux qabel diversi snin, l-attur ma aċċettax din il-proposta. B'mod speċifiku, huwa ma aċċettax lanqas il-proposta tal-konvenut li r-ripagament isir fi żmien għaxar snin u għalkemm huwa kien aċċetta t-termini dikjarati fl-iskrittura tad-29 ta' April 2015, evidentement l-attur biddel fehmtu u r-relazzjoni bejn il-partijiet kompliet tiddeterjora bil-konsegwenza illi kellhom jintervjenu terzi persuni biex iwasslu l-partijiet għal ftehim finali dwar ir-ripagament.* ***Ftehim finali li, fil-fehma tal-Qorti, huwa dak li hu manifestat fl-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017.*** *Mill-provi ma jirriżultax li l-partijiet bidlu dak il-ftehim jew li dan ġie modifikat jew sorvolat b'xi ftehim sussegwenti. Kemm hu hekk, jirriżulta wkoll mill-provi illi l-konvenut ħallas pagament akkont ta' €6,000 lil Natasha Vella u sussegwentement pagament ieħor fis-somma ta' €3,000,* ***in segwitu u abbażi tabilħaqq ta' dak il-ftehim, direttament lil mart l-attur, Fariza Khalaf.***

*Il-Qorti tirravviża f'dan kollu, xenarju li fih il-partijiet immodifikaw iktar minn darba matul is-snin, l-obbligazzjoni tar-ripagament tal-ammont misluf lill-konvenut mingħajr iżda, qatt ma ħassru l-obbligazzjoni jew sostitwewha b'oħra. Xenarju li huwa mfisser tajjeb b'dak li qalet fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1956, il-Qorti tal-Appell (fn. 9 Koludrovich vs Muscat):-*

*"Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tiġix maqtula, imma sempliċement modifikata għaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim ma tavverax ruħha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni ġdida in sostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet imħassra. Mhux kull modifika għalhekk iġġib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni billi l-partijiet jistgħu jżidu jew inaqqsu xi ħaġa mingħajr ma tiġi annullata l-obbligazzjoni, bir-riżultat li tkun ġiet biss modifikata."*

*Il-Qorti wara li qieset il-provi u l-atti proċesswali, m'għandha l-ebda dubju kwalsiasi dwar il-validità u effikaċja tal-ftehim datat 12 ta' Ġunju 2017 u li dan jirrappreżenta l-patt konvenzjonali li llum jorbot liż-żewġ partijiet kontraenti – wara kollox, il-fatt li dan ġie ffirmat u aċċettat miż-żewġ partijiet volontarjament huwa affermat mill-partijiet nfushom fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti kif ukoll mix-xhieda ta' Yaman Khalaf. B'referenza għall-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017,* ***Yaman Khalaf kien***

***inekwivoku fix-xhieda tiegħu meta qal li kien il-konvenut innifsu li ġie għandu d-dar b'dokument li kien ġie redatt min-nutar tiegħu u wara li kkonferma li t-termini tar-ripagament kif imfasslin f'dak id-dokument kienu aċċettabbli għal ħuh, il-konvenut ffirmah quddiemu u ħallas ukoll dakinhar stess is-somma ta' sitt elef Euro f'kontanti lil Natasha Vella akkont tal-ammont dovut.*** *Yaman Khalaf xehed hekk fir-rigward :-*

"Hu … ħa jgħaddili flus Ayman Khalaf wara din id-data". Ix-xhud qal ukoll li huwa ċempel lil ħuh, l-attur, u qallu: "Taċċetta din il-karta? Qalli: 'Bir-rispett tiegħek naċċettaha'. Għidtlu 'Mela jiena ha niffirmah.' Iffirma Mazen Dadouch fuqha, iffirmajt jien imbagħad iffirma Ayman, ħadnilu l-karta". *(fn. 10 Fol. 30)*

*Ikkonferma wkoll li l-attur iffirma quddiemu wara li l-ftehim ġie ffirmat mill-konvenut.*

*Magħdud dan kollu, b'mod partikolari l-fatt li l-konvenut xehed li huwa kien effettivament iffirma l-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017 u l-fatt li huwa mkien ma allega fix-xhieda tiegħu illi kien ġie kostrett li jagħmel dan jew li l-kontenut tal-iskrittura ma tirrappreżentax il-volontà tiegħu, il-Qorti qiegħda teskludi wkoll b'mod assolut l-ipotesi li din l-iskrittura ġiet iffirmata mill-konvenut kontra l-volontà tiegħu jew bi żball jew li hija afflitta minn vizzju ieħor tal-kunsens. Dan ifisser ukoll li s-sottomissjoni li saret fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut dwar il-ħtiega ta' espert kalligrafu biex jiġi kkostatat jekk il-firma fuq l-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017 hija gratuwita u mhux f'lokha. Multo magis meta l-konvenut innifsu, rinfaċċjat b'din l-iskrittura bħala l-bażi tal-azzjoni attriċi għall-ħlas tad-debitu bilanċjali u bix-xhieda ta' Yamen Khalaf li qal li l-konvenut ġab dan id-dokument mingħand in-Nutar tiegħu, baqa' ma ressaqx bħala xhud lill-istess Nutar li ismu jidher fuq id-dokument, biex jikkontradixxi dak li ġie asserit fir-rigward minn ħu l-attur.*

*Ikkunsidrat;*

*Kwantu għas-sottomissjonijiet li għamel il-konvenut fin-nota tiegħu, fejn talab li jingħata żmien għall-ħlas, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-raġuni mogħtija in sostenn ta' din it-talba ma ġietx sorretta minn ebda prova kwalsiasi u f'kull każ, tqis li mill-atti jirriżulta li sal-lum diġà għaddew diversi snin minn mindu sar is-self u minn mindu l-fondi li kien jeħtieg il-konvenut, għaddew għandu permezz tat-trasferiment tal-garaxx lil Thomas Azzopardi in linea ta' pagament għax-xogħol li wettaq fuq inkarigu tal-konvenut. Anke jekk għal mument wieħed kellu jaċċetta li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ammont misluf jiġi saldat sa l-aħħar tas-sena 2020, skont kif ġie preċedentement miftiehem bejn il-partijiet qabel il-modifika li saret bl-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017, hu manifest li llum dan it-terminu wkoll skada irrimedjabbilment.*

*Minkejja dan iżda, ma jirriżultax mill-atti illi l-konvenut ħallas il-bilanċ reklamat mill-attur fir-Rikors promotur.*

*Il-konvenut jikkontendi fin-nota ta' sottomissjonijiet minnu ppreżentat illi għalkemm bl-iskadenza taż-żmien għall-ħlas tad-debitu, anke skont it-termini stipolati fl-iskrittura tad-29 ta' April 2015, l-eżistenza tad-debitu ġiet ippruvata, isostni li fiż-żmien meta ġiet esperita l-azzjoni għall-ħlas, "*it-talba kienet intempestiva"*. Iżda fir-rigward, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi anke jekk għal mument, kellu jiġi konċess li l-kawża tressqet qabel waqtha, it-trapass taż-żmien issana din l-intempestività bit-tħaddim tar-regoli tal-*jus superveniens*. In tema jingħad paċifikatament illi :-*

*" … t-teorija tal-*jus superveniens *ġiet dejjem applikata mill-Qrati tagħna għall-każijiet meta mingħajr ma tbiddel id-domanda sew għall-oġġett jew għall-kawża, għalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument taċ-ċitazzjoni iżda dak id-dritt minnu mitlub jiġi jseħħ fil-mori tal-ġudizzju, allura l-ġurisprudenza in bażi tad-duttrina wisq akkreditata, dejjem aċċettat li minflok issir kawża oħra, dak id-dritt li jkun mitlub fiċ-ċitazzjoni u li ġie in eżistenza jew fl-eżerċizzju tiegħu waqt il-kawża, jista' jkun deċiż f'dik l-istess kawża. ("Falzon vs Camilleri" – Appell 8 ta' Frar 1943)" (fn. 11 Kif ċitat f'***Carmelo sive Charles Farrugia v. Michael Camenzuli** *- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28.2.2011).*

*F'kull każ, il-Qorti ma tistax ħlief timplimenta l-ftehim li jirriżulta li ġie milħuq bejn il-partijiet fl-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017 li kif stabbilit, jirrappreżenta l-iktar espressjoni reċenti tal-patt konvenzjonali li jorbot lill-partijiet. U ġaladarba jirrizulta li hemm konvenzjoni, din għandha tiġi osservata u enforzata għaliex hija l-espressjoni manifesta tal-volontà tal-partijiet:* pacta sunt servanda. *Kif inhuwa ritenut b'mod paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, il-prinċipju fondamentali u kardinali fil-liġi tal-kuntratti:-*

*"jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." (fn. 12 Qorti tal-Appell – 5 ta' Ottubru, 1998 –* ***Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines)***

*In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u l-provi mressqa mill-attur, il-Qorti mhux biss tqis illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut mhux f'lokhom u ma jreġux, iżda hija tal-fehma konvinta li t-talba tal-attur kif imsejsa fuq l-iskrittura tat-12 ta' Ġunju 2017 ġiet ippruvata sodisfaċjentement u timmerita li tiġi akkolta."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-2 ta' Novembru, 2021, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata li biha*"... ġie ordnat li l-konvenut jħallas l-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Jannar 2019 u l-ispejjeż tal-kawża u minflok tilqa' t-talba bħala ammessa limitatament għas-somma ta' €9,700 bilanċ ta' somma akbar u bl-imgħaxijiet mill-1 ta' Jannar 2021 u bl-ispejjeż kontra l-attur appellat, u bid-dilazzjoni tal-pagament stante ċ-ċirkostanzi kollha".* Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li huwa kien aċċetta u ffirma l-iskrittura tat-12 ta' Ġunju, 2017, u għalhekk huwa kien marbut biha; u (b) ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex ma ġiex ippreżentat l-oriġinal tal-iskrittura tat-12 ta' Ġunju, 2017 bħala l-aħjar prova.

7. L-appellat wieġeb fil-11 ta' Mejju, 2022, fejn issottometta li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu, u dan bl-ispejjeż kontra l-appellant.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

9. L-appellant qiegħed jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li ġaladarba huwa kien aċċetta u ffirma l-iskrittura tat-12 ta' Ġunju, 2017, huwa kien marbut biha. Huwa jagħmel riferiment għad-dokument li

jinstab *a fol.* 2 u *fol.* 3 tal-atti tal-ewwel Qorti, fejn dan tal-aħħar kien juri rċevuta u skrittura bejn il-partijiet, evidenza li parti mill-ammont kien tħallas, u li fuqu jissottometti qatt ma kien hemm kwistjoni. Jirrileva li kien hemm żewġ firem, jiġifieri waħda fuq kull dokument, iżda dik fuq id-dokument *a fol. 2* ma kinitx tiegħu. Jgħid li dan qalu iktar minn darba, u kien ukoll spjega li meta jidħol għal obbligazzjoni huwa kien dejjem imur quddiem nutar sabiex ikollu favur tiegħu prova tal-awtentiċità tal-kitba. Dan kollu jgħid li jirriżulta mill-kontro-eżami li għamillu l-avukat difensur tal-appellat. Jgħid li hawnhekk però l-ewwel Qorti kienet ħadet żball, u għalkemm l-iskrittura tal-obbligazzjoni kienet *a fol.* 2 tal-proċess, kien hemm xi ħaġa stramba dwarha. Jinsisti li l-obbligazzjoni kienet maħsuba, bħal ma ġara l-ewwel darba, li tiġi ffirmata minnu quddiem in-Nutar Critien. L-appellant isostni li dan kien jaf bih l-appellat, u saħansitra kien hemm parti vojta għall-firma tal-imsemmi Nutar. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex ma ġiex ippreżentat l-oriġinal tal-iskrittura msemmija tat-12 ta' Ġunju, 2017 li kellha tkun l-aħjar prova. Meta huwa kien ikkontesta li l-firma ma kinitx tiegħu fejn kien hemm l-obbligu tal-ħlas sal-aħħar ta' Diċembru tal-2018, ma kienet intalbet l-ebda perizja kalligrafika. Jikkontendi li llum bl-użu tal-programmi tas-*software,* kien tassew faċli u possibbli li ssir kopja ta' skrittura. L-appellant jiddikjara li huwa qatt ma ċaħad li kien debitur fis-somma ta' €9,700, iżda biss li ma kienx għadu ddekorra ż-żmien sabiex tintradd lura din is-somma, u għalhekk l-imgħaxijiet kellhom jiddekorru biss mill-1 ta' Jannar, 2021. Għalhekk il-kawża odjerna kienet saret qabel il-waqt, u huwa kien qed jikkontesta l-kap tal-ispejjeż. L-appellant jikkontendi li ma kienx isegwi li huwa mingħajr l-ebda raġuni valida jċedi l-benefiċċju tat-terminu itwal li kellu favur tiegħu, u b'hekk isir dovut l-kapital u jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet minn

qabel. Jispjega li huwa kien għamel pagament akkont minħabba r-rieda tajba tiegħu, iżda l-appellat kien sallbu bis-sekwestru u poġġih f'sitwazzjoni tassew ħażina, u dan minbarra l-kwistjonijiet tal-pandemija li affettwawh ħafna. Għalhekk huwa kien talab u għadu jitlob għal aktar żmien sabiex jagħmel il-pagament dovut.

10. L-appallat jilqa' billi qabel xejn jissottometti li l-appell odjern jirrigwarda l-analiżi tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti. Jgħid li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba faċilment l-apprezzament magħmul minn dik il-Qorti sakemm ma jirriżultawx raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jitolbu l-indħil tagħha. Jgħid li l-kwistjoni ta' bejn il-partijiet tirrigwarda liema skrittura hija applikabbli fil-konfront tagħhom, jiġifieri dik esebita bħala Dok. X mat-talba jew dik esebita *a fol.* 14 mill-appellant. Jispjega li jirriżulta li l-iskrittura annessa mat-talba kienet ġiet iffirmata miż-żewġ partijiet fil-preżenza tax-xhud Yaman Khalaf, liema persuna kienet xehdet fil-proċeduri odjerni, u kkonfermat li l-partijiet kienu ffirmaw fil-preżenza tagħha. Jirrileva li fuq in-naħa ta' wara ta' dak id-dokument kien hemm il-kitba u l-firma taż-żewġ partijiet quddiem xhud ieħor Yamen Khalaf Vella, li xehdet ukoll fil-proċeduri preżenti u kkonfermat li l-firem saru fil-preżenza tagħha. Iżda għal dak li jirrigwarda l-iskrittura l-oħra, huwa kien xehed li huwa ma kienx iffirmaha u li għalhekk il-firma ma kinitx tiegħu. Barra minn hekk, kien jidher li din kienet tikkonsisti f'dikjarazzjoni unilaterali magħmula mill-appellant preżumibbilment quddiem in-Nutar Critien, li qatt ma xehed quddiem l-ewwel Qorti.

11. L-ewwel Qorti kienet korretta meta għarfet li l-appellant ma kienx qed jikkontesta l-fatt li huwa kien debitur tal-appellat fis-somma ta' €9,700, iżda

ikkunsidrat ukoll li l-istess appellant kien qed jikkontendi li l-obbligu tal-ħlas tad-dejn tiegħu huwa regolat permezz tal-iskrittura li saret quddiem in-Nutar Patrick Critien fid-29 ta' April, 2015 u mhux mill-iskrittura tat-12 ta' Ġunju, 2017, fejn fl-ewwel skrittura l-appellat kien ikkonċeda żmien sal-aħħar tas-sena 2020 għall-pagament tad-dejn. L-ewwel Qorti tajjeb qieset li għalkemm l-appellant kien eċċepixxa n-nullità tat-tieni skrittura li fuqha l-appellat kien straħ sabiex iressaq il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tal-bilanċ dovut, madankollu baqa' ma fissirx ir-raġuni għall-allegata nullità u lanqas ressaq prova dwar l-eċċezzjoni relattiva, għajr li huwa kien miżżewweġ. Iddikjarat li hija ma fehmitx kif dan il-fatt kellu jinkwadra fl-eċċezzjoni tiegħu ta' nullità, u saħansitra l-appellant ma baqax jinsisti fuqha fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Il-Qorti tikkondividi din il-fehma kif espressa mill-ewwel Qorti, kif ukoll li l-ftehim finali ta' bejn il-partijiet kien dak kif rifless fl-iskrittura tat-12 ta' Ġunju, 2017 wara li jirriżulta li l-modalità tal-ħlas lura tal-flus mislufa kienet ġiet mibdula diversi drabi mill-partijiet bi ftehim bejniethom.

12. Iżda l-appellant hawn qed jikkontendi li l-firma f'dak id-dokument mhijiex tiegħu. L-ewwel Qorti ikkunsidrat li mill-provi u mill-atti proċesswali hija ma seta' ikollha l-ebda dubju dwar il-validità u l-effikaċja tal-imsemmi ftehim, u li dan kien l-att li llum jorbot liż-żewġ partijiet. Qalet li wara kollox il-fatt li l-imsemmi att ġie ffirmat u aċċettat miż-żewġ partijiet b'mod volontarju, ġie kkonfermat mill-partijiet stess permezz tax-xhieda tagħhom, iżda wkoll mix-xhieda ta' Yaman Khalaf, u hawnhekk tgħaddi sabiex tagħmel riferiment għal dik il-parti rilevanti tax-xhieda tiegħu. L-ewwel Qorti għaddiet sabiex osservat li l-appellant stess kien xehed li huwa kien iffirma l-iskrittura in kwistjoni, iżda hija proprju din l-osservazzjoni li qegħda tiġi kkontestata mill-appellant quddiem din

il-Qorti, u dan b'riferiment partikolari għax-xhieda tiegħu in kontro-eżami. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax li dan huwa minnu, iżda tagħraf ukoll ir-rilevanza tal-konstatazzjonijiet l-oħra magħmulin mill-ewwel Qorti fil-kuntest tal-iffirmar ta' dik l-iskrittura li tassew ixejnu din l-allegazzjoni tal-appellant. Fosthom insibu li l-ewwel Qorti osservat li l-appellant ma kienx allega fix-xhieda tiegħu li huwa kien ġie kostrett li jiffirma l-iskrittura msemmija jew li din ma kinitx tirrifletti l-volontà tiegħu, jew li saret bi żball jew li hija milquta minn xi vizzju ieħor tal-kunsens. Għal din ir-raġuni l-Qorti tikkondividi pjenament il-ħsieb espress mill-ewwel Qorti, li s-sottomissjoni tal-appellant fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ħtieġa tal-ħatra ta' espert kalligrafu sabiex jiġi kkonstatat jekk il-firma kinitx tiegħu jew le, kienet waħda gratwita. Il-Qorti żżid tgħid li kien saħansitra fl-interess tiegħu li jitlob il-ħatra ta' espert kalligrafu, sabiex b'hekk jekk tassew il-firma ma kinitx tiegħu, huwa kien jinħeles minn kull obbligazzjoni hemmhekk imfissra. Tqis li hija f'lokha wkoll l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li l-appellant għażel li ma jressaqx lin-Nutar Critien bħala xhud fuq dak id-dokument sabiex jixhed u jikkontradixxi x-xhieda ta' ħu l-appellat.

13. Dwar l-ilment tal-appellant li l-iskrittura ffirmata fit-12 ta' Ġunju, 2017 kellha tiġi ppreżentata fl-oriġinal tagħha, il-Qorti tirrileva li l-appellant kellu kull opportunità quddiem l-ewwel Qorti li jeżiġiha, iżda dan m'għamlux. Huwa minnu li dik kellha tkun l-aħjar prova, iżda ma jidhirx li l-appellant irrileva din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti fejn il-kontestazzjoni tiegħu fir-rigward ta' dak id-dokument kienet tirrigwarda l-awtentiċità tal-firma tiegħu. B'hekk sewwa għamlet l-ewwel Qorti fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, li straħet fuq dak id-dokument.

14. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-aggravji tal-appellant huma ġustifikati u tiċħadhom. B'hekk ukoll tiċħad l-ilment tiegħu dwar il-kap tal-ispejjeż.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**